MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 585/2002

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Sun City LeisureLimited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tliet mija u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm2,330.89) dovuti mis-socjeta' konvenuta rapprezentanti l-bilanc dovut fuq prezz ta' diversi reklami ppubblikati mis-socjeta' attrici fil-gazzetti "The Times" u "The Sunday Times" fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 3 ta' Gunju, 2002, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-7 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.